MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 273/2013

**Anthony Sammut**

**vs**

**Thomas Zahra**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Anthony Sammut li permezz tieghu huwa talab l-awtorizazzjoni ta' din il-Qorti sabiex jesegwixxi sentenza moghtija fit-12 ta' Lulju 2000 li permezz taghha Thomas Zahra gie kkundannat ihallas lil Anthony Sammut is-somma ta' Lm4470.04 bl-imghaxijiet u spejjez.

Thomas Zahra irrisponda illi:

Preliminarjament ir-rikors promotur huwa irritu u null, u dan in kwantu, ai termini ta' l-art. 258 Kap. 12, ir-rikorrent kellu jikkonferma t-talba tieghu bil-gurament, u jiddikjara ix-xorta tad-dejn, u jekk id-dejn kollu jew parti minnu ghadux dovut;

Fil-mertu, wara li nghatat is-sentenza citata fir-rikors promotur, l-esponent kien hallas Lm2,000 akkont ta' l-ammont pretiz u kien lahaq ftehim mar-rikorrent li jhallsu l-kumplament bi tpartit ma' xoghol; fil-fatt ir-rikorrent kien imbaghad qabbad lill-esponent jaghmillu xi xoghol, u l-esponent kien beda jahdimlu, imma mbaghad sussegwentement ir-rikorrent kompla jahdem b'terzi minghajr qatt ma saru l-kontijiet tax-xoghol u l-materjal li lahaq sar mill-esponent; u kien hemm drabi ohra fejn ir-rikorrent qabbad lill-esponent jezegwilu xoghlijiet izda ma rrizulta xejn; ghaldaqstant, l-esponent jeccepixxi hlas parzjali ta' l-ammont pretiz originarjament, novazzjoni ta' l-obbligazzjoni originali, u tpacija ulterjuri parzjali li tehtieg likwidazzjoni.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-affidavit.

Semghet xhieda viva voce.

Rat id-dokumenti.

Rat l-atti kollha.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Dicembru 2013 li permezz tieghu r-rikorenti Anthony Sammut iddikjara illi kien ircieva Lm2000 minghand l-intimat u ghalhekk l-ammont pretiz minnu kellu jitnaqqas b'dan l-ammont. Rat in-nota ta' riduzjoni pprezentata fil-12 ta' Frar 2014.

Ikkunsidrat illi l-ewwel eccezzjoni tal-intimat hija n-nullità tar-rikors ghaliex mhux konfermat bil-gurament mal-prezentata. L-Art. 789 tal-Kap. 12 jipprovdi illi:

*"(1) L-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista' tingħata –*

*(a) jekk in-nullità hija iddikjarata mil-liġi espressament;*

*(b) jekk l-att jinħareġ minn qorti mhux kompetenti;*

*(c) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mill-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm il-darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;*

*(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi:*

*Iżda dik l-eċċezzjoni ta' nullità kif maħsuba fil-paragrafi (a), (c), u (d) ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull disposizzjoni oħra tal-liġi.*

*(2) L-eċċezzjoni ta' nullità ta' att, taħt is-subartikolu (1)(c), ma tistax tingħata, meta l-parti li tagħtiha tkun baqgħat tagħmel jew, għad li tkun taf biha, tkun ħalliet li jibqgħu jsiru atti oħra wara, mingħajr ma teċċepixxi dik in-nullità."*

L-insenjament ta' dawn il-Qrati ghar-rigward ta' nullità ta' att promotur jtendi ghall-fehma illi l-Qorti tiddikjara att null promotur meta l-mankanza lamentata tkun tali li tippregudika d-difiza tal-persuna li lejha hija mmirata l-kawza (Ara Herrera vs Cassar 5 ta' Ottubru 1992). (Ara wkoll Aquilina vs Camilleri u l-gurisprudenza hemm citata).

Huwa minnu li l-Art. 258 jipprovdi illi:

*"Wara –*

*(a) l-għeluq ta' għaxar snin minn dak in-nhar li fih skond il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafu (a), (ċ) u (d) tal-artikolu 253, rigward sentenzi u digrieti tal-Qrati Superjuri seta' ġie esegwit,*

*l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut."*

Madankollu l-fatt li d-dikjarazzjoni guramentata effettivament saret fil-mori tal-proceduri u dan id-dewmien ma fixkel xejn fid-difiza tal-intimat, li kienet digà giet debitament registrata permezz ta' risposta iwassal lill-Qorti biex tichad l-eccezzjoni.

L-eccezzjoni l-ohra tal-intimat essenzjalment tirrigwarda l-mertu. Huwa jsostni li kien hemm hlas u tpacija. Il-Qorti ma ssib li ebda minn dawn ma giet pruvata mill-intimata. Ghal dak li jirrigwarda xi hlas ghajr ghas-somma ta' Lm2000 li dwarha saret id-debita nota ta' riduzjoni, ma giet prezentata ebda ricevuta. Ghal l-allegazzjoni ta' tpacija ir-rikorrenti Anthony Sammut jixhed hekk:

*"Mid-data tas-sentenza cioe' 12 ta' Lulju tas-sena 2000, jiena qatt ma nkarigajt lil Thomas Zahra biex jaghmilli xi xoghol iehor bi tpacija. Ma saret ebda tpacija fuq xoghol."*

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' Anthony Sammut u tawtorizza l-esekuzzjoni tas-sentenza 2151/99 R.C.P. moghtija fit-12 ta' Lulju 2000, b'dana illi mill-ammont dovut ghandha titnaqqas is-somma ta' €4660 ekwivalenti ghal Lm2000.

Kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha relatati ma din il-procedura.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------